# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI  TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2016**

**Rikors Numru 233/13 FDP**

**Spettur Elton Taliana**
**(ID 146680M)**

**vs**

**Alexander Farrugia**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-13 ta' Awissu 2013 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu illi deher fil-harga tal-gazetta It-Torca fil 11 ta' Awissu 2013 intitolat '*Iz-zghazugh li spicca l-habs intortament ... Spettur kien jaf bl-izball ... u M'Ghamel Xejn*' u li deher fl-ewwel u is-sitt pagna tal-gazzetta fuq imsemmija, talab lill-Qorti tiddikjara tali artikolu bbhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern, illi jinsab hdejn ritratt fl-ewwel faccata li fih, b'tipa zghira, kien hemm mitkub "*iz-zaghzugh li spicca l-habs intortamet*" u b'tipa akbar, aktar l-isfel, "*Spettur kien jaf bl-izball ... u m'ghamel xejn*", liema artikolu kien jghid is-segwenti:

> *"L-istorja ta' Darryl Luke Borg ta' 27 sena minn Birkirkara li nhar l-Erbgha kien mixli b'hold-up fuq hanut fl-istess lokalita' u spicca l-Habs innoccentement ghax kien iehor li wettaq ir-reat, qajjem diskussjoni u anke rabja. Izda barra l-izball li sar minn-naha ta' l-Ispetturi mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali li ressquh bi zball, sar zball akbar li Spettur iehor, li kien jaf li hemm persuna innocenti l-Habs, m'ghamel xejn minkejja l-obbligu tieghu kien jitlob li jaghmel.*

*Sorsi qrib il-Korp tal-Pulizija qalu lit-Torca li l-Ispetturi Joseph Mercieca u Carlos Cordina jidher li mxew, bl-ewwel indikazzjonijet u setghu ghagglu biex ressqu lil Borg u akkuzawh bil-'hold-up'. Dan kien zball li ma jistax jigi michud.*

*L-istess sorsi, izda, sahqu li kien ferm ikbar li bniedem innocenti thalla jumejn imsakkar meta ufficjali tal-Puluzija kien jaf bl-innocenza tieghu. Fil-fatt meta l-Ispettur Elton Taliana nhar il-Gimgha ressaq lill Roderick Grech ta' 22 minn Birkirkara, kmieni wara nofsinhar, Grech mhux biss kien mixli bil-'hold-up' u li zamm liz-zewgt impjegati kontra l-volonta' taghhom imma anke ammetta u kien ikkundannat mill-Magistrat Claire Stafrace Zammot 12-il xahar habs sospizi ghal sentejn.*

*Is-sorsi qalulna li l-Ispettur Taliana kien fid-dmir li jinforma lis-superjuri tieghu minnufih li kellu persuna ohra li ammetta rpreat biex immedjatament jibdew il-proceduri biex tinheles il-persuna li kienet arrestata illegalment u mhux imur il-Qorti u jiddikjara li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn zewgt taqsimiet tal-Pulizija.*

*Kif il-Kummissarju tal-Pulizja sar jaf b'dak li gara l-Gimgha wara nofsinhar fetah investigazzjoni minnufih. Gie ukoll infurmat bil-kaz il-Ministru tal-Intern li min-naha tieghu talab lill-Bord tal-Pulizija li huwa mmexxi mill-Imhallef Franco Depasquale biex jinvestiga u jhejji rapport.*

*Dan il-bord kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn imma, minhabba l-urgenza u s-serjeta tal-kaz, l-Imhallef Depasquale ddecieda li jlaqqa l-bord il-bierah stess.*

*Sorsi fil-kamp legali qalulna li f'kaz simili l-ufficjal li jkun naqas li jiehu passi meta jkun jaf li sar xi haga illegali ma jeskludux li jittiehdu passi fil-konfront tieghu."*

Rat l-eccezzjonijiet ippresentati fil-25 ta' Settembru 2013 fejn l-intimat, filwaqt illi sahaq illi l-kitba hija bbazata fuq fatti veri insista li l-fatti kienu ta' interess pubbliku u kien dmir l-esponent li jwassal dan it-tgharif lill-qarrejja tieghu, liema dmir jikkorrispondi mad-dritt tal-qarrejja li jkunu mgharrfa b'affarjiet ta' nteress pubbliku bhal dawn.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent l-**Ispettur Elton Taliana** moghtija fis-27 ta' Jannar 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu mressqa dakinhar stess, fosthom Stqarrija illi kien ghamel Roderick Grech lill-Pulizija fid-9 ta' Awissu 2013.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Alexander Farrugia** moghtija fis-7 ta' Marzu 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **John Pisani**, awtur ta' l-artikolu, moghtija fis 7 ta' Marzu 2014.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Marisa Zammit**, stazzjonata gewwa l-Human Resources fi hdan il-Kwartieti Generali tal-Pulizija, moghtija fit-22 ta' Settembru 2014, u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita, ossija it-Rapport tal-Bord tal-Pulizija intitolat "***Inkjesta miltuba mill-Onor Ministru tas-Sigurta' u Intern dwar l-akkuzi migjuba kontra Darryl Luke Borg u kontra Roderick Grech dwar l-istess reat***" u datat 26 ta' Awissu 2013.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Assistent Kummissarju Mario Spiteri** moghtija fit-22 ta' Jannar 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Saviour Balzan** moghtija fit 2 ta' Marzu 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda tal-**Prokuratur Legali Pietru Pawl Zammit** moghtija fis 27 ta' April 2015.

Rat illi fil 15 ta' Ottubru 2015 il-partijiet qablu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw u ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrent ippresentati fl-14 ta' Dicembru 2015.

Rat is-sottomissjonijet ta' l-intimat ippresentati fis 7 ta' Jannar 2016.

Rat illi fid 29 ta' Frar 2016 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti quddiem il-Qorti, illi r-rikorrent, illi huwa Spettur tal-Pulizija illi kien stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara fl-4 ta' Awissu 2013, gie mgharraf illi fil-hanut ‘Convenience Shop’ gewwa Triq Alfred Mifsud, Birkirkara kien sehh 'hold up'.

Jirrizulta illi minnufih, il-Puluzija tas-Central Investigation Department (CID) fi hdan il-Kwartieri Generali tal-Pulizija accedew fuq il-post u bdew l-investigazzjonijiet taghhom filwaqt illi r-rikorrent, bhala Spettur tal-Pulizija tal-Ghassa ta' Birkirkara, illi fid-distrett tieghu kienet sehhet il-hold up, beda l-investigazzjonijiet tieghu u, meta mar fuq il-post, il-Pulizija tas-CID kienu gia hemm, u sussegwentement infethet inkjesta u tqabbdu esperti sabiex jassistu lill-Magistrat ta' l-Ghassa illi kienet giet mgharrfa bil-'*hold up*' u li, ghalhekk, kienet qabbdet lill-espert sabiex jghinu lilha u lill-Pulizija fl-investigazzjoni.

Jirrizulta illi l-ghada, 5 ta' Awissu 2013,fit 20.00, l-Ispetturi Joseph Mercieca u Carlos Cordina, illi kienu inkarigati mill-investigazzjoni da parte tas-CID, wara illi kienu gew mghoddija informazzjoni konfidenzjali minn xi persuna midhla tal-hold up, kienu arrestaw lill certa Sue Ellen Cassar u hadulha l-istqarrija taghha.

Jirrizulta illi sussegwentement, l-ghada, 6 ta' Awissu 2013, marru sabiex jarrestaw lill Darryl Luke Borg u, meta marru fir-residenza ta' ommu, gew mgharrfa illi kien ghadu kif mar l-Isptar Mount Carmel. Kien ghalhekk illi huma marru l-Isptar u, fis 13.00pm, arrestaw lill Borg.

Jirrizulta illi ftit sieghat wara, fil 5.45pm, ittiehdet stqarrija ta' Borg illi, ghalkemm muri filmat u provi ohra da' parte tal-Pulizija, innega illi kien involut.

Jirrizulta illi fis-7 ta' Awissu 2013, il-Pulizija regghu hadu stqarrija ohra ta' Borg filghodu u, ghalkemm baqa' jinnega l-involviment tieghu, wara nofsinhar gie imressaq taht arrest akkuzat tal-Hold up u, waqt il-prezentata, fuq talba ghar-rilaxx tieghu b’liberta’ provvizorja, dana ma gietx lilu moghti wara oggezzjoni ta' l-Ispetturi tas-CID illi kienu qed imexxu l-kaz.

Jirrizulta illi dakinhar, 7 ta' Awissu 2013, ir-rikorrent, li baqa’ jinvestiga l-kaz, kien acceda fuq il-post fejn sehh il-hold up flimkien ma' esperti tal-Qorti u, waqt illi kienu hemm, gie mgharraf mis-Supretendent tar-rikorrenti illi ma kienx hemm bzonn illi jkomplu bl-investigazzjonijiet taghhom peress illi l-Pulizija tas-CID kienu qabdu lill xi hadd u kienu ressquh il-Qorti.

Jirrizulta illi l-ghada, 8 ta' Awissu 2013, ghal habta tas-19.00pm, ir-rikorrent inghatalu informazzjoni illi l-persuna illi kien involut fil-hold up kien attwalment Roderick Grech, maghruf bhala '*ic-ciniz*'. Kien ghalhekk illi huwa gharraf il-Magistrat ta' l-Ghassa ta' dakinhar, illima kienx il-Magsitrat li kien qed jinvestiga l-kaz tal-‘Hold up’, illi kien jenhtieglu mandat ta' arrest ghal

Roderick Grech, liema mandat inghatalu ghal habta tas-19.45pm, u wara ir-rikorrent ipproceda biex jarresta lill Roderick Grech.

Jirrizulta illi ghalkemm Roderick Grech gie arrestat filghaxija tat-8 ta' Awissu 2013, ir-rikorrenti, illi kien nelfrattemp ottjena il-balaclava w il-pistola li l-istess Grech kien uza fil-hold up, eventwalment interroga lill-istess Grech l-ghada filghodu, u dana peress illi Grech ma setax jikkonsulta mal-avukat tieghu qabel.

Jirrizulta illi, eventwalment, fit-8 ta' Awissu 2013, fid-09.30am, ir-rikorrent ottjena l-istqarrija ta' Roderick Grech fejn, fost affarjiet ohra, l-istess Grech ammetta illi kien ikkommetta hu il-'hold up' li tieghu kien tressaq Darryl Luke Borg.

Jirrizulta illi, sussegwentement, gharraf lill-Magistrat ta' l-Ghassa, illi, ghal darba ohra, ma kienetx il-Magistrat ta' l-Ghassa illi awtorizza l-arrest ta' Grech u lanqas ma kienet il-Magistrat ta' l-Ghassa illi kienet qed tmexxi l-invesigazzjoni tal-'hold-up', li huwa kellu persuna xi jressaq fuq 'hold up'.

Jirrizulta illi, nelfrattempt, ir-rikorrent kien ikkomunika mas-superjuri tieghu mhux sabiex jgharrafhom illi kellu persuna illi kien ammetta ghall-'hold up' illi tieghu kien hemm arrestat Darryl Luke Borg, izda sabiex jitlob minghandhom informazzjoni dwar kif kellhom jigu redatti l-akkuzi kontro persuna akkuzata b'hold up, minghajr ma indika ghal liema 'hold up' kien qed jirreferi.

Jirrizulta ghalhekk, anke mix-xhieda ta' l-istess rikorrenti, illi r-rikrorent ma kienx gharraf lis-superjuri tieghu illi l-persuna li kien ser iressaq kien il-persuna li kien ghamel l-istess hold-up li kien tressaq ghalih Darryl Luke Borg.

Jirrizulta illi, eventwalment, qabel ma Roderick Grech tressaq quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa ghal habta tal-11.30am, ir-rikorrent gharraf lill-Magistrat ta' l-Ghassa illi kien gia tressaq persuna ohra in konnessjoni ta' tali 'hold-up', izda ma kienx jaf fejn tressaq.

Jirrizulta illi eventwalment Roderick Grech ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u instab hati talli ghamel il-'hold up'.

Jirrizulta illi, wara li r-rikorrent ressaq lill Roderick Grech u l-istess Roderick Grech ammetta w instab hati tal-akkuzi, huwa ipproceda biex jgharraf lis-superjuri tieghu illi huwa kien arresta lill-persuna in konnessjoni mal-hold up tal-'Convenience Shop' u, wara li dana Grech ammetta, huwa kien ressqu il-Qorti u kien instab hati tal-hold up fuq imsemmi.

Jirrizulta wkoll illi wara li tali sentenza, ir-rikorrent gharraf ukoll il-Magistrat ta' l-Ghassa li kienet qed tmexxi l-investigazzjoni dwar il-hold up, li kien ressaq persuna ohra in konnessjoni mas-serqa u li Darryl Luke Borg ma kellux jibqa arrestat aktar.

Jirrizulta li kien biss **wara** illi r-rikorrent gharraf lis-superjuri tieghu illi l-Pulzija gew a konjizzjoni tal-fatt illi kien hemm persuna ohra li tressqet u ammettiet li ghamlet il-'hold up', li tieghu kien gia akkuzat Darryl Luke Borg u, wara illi l-Kummissarju tal-Pulzijia ta' dak iz-zmien, il-PL Pietru Pawl Zammit gie mgharraf b'dan il-fatt, huwa ha hsieb sabiex jigu ppresentati l-atti necessarji sabiex Darryl Luke Borg jigi rilaxxjat mill-habs minnufih.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi dawna l-fatti kif fuq spjegati, eventwalment irrizultaw ukoll ben dokumentati u spjegati fir-rapport illi sar da' parte tal-Police Board, illi kien gie mitlub sabiex jinvestiga l-kaz fid-dettall,

liema rapport eventwalment gie rappurtat fil-media lokali wara il-pubblikazzjoni tal-artikolu meritu tal-kaz odjern, liema rapport gie konkluz mill-Police Board, bil-konkluzjonijiet tieghu, fis -26 ta' Awissu 2013 (fol 34).

Fir-rapport tieghu, l-Police Board kien wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *"Il-Board huwa tal-fehma li dawn in-nuqqasijiet kienu dovuti ghan-nuqqas tal-Ispettur Taliana li ghazel li min flok jikkoopera ma' ufficjali ohra tal-Korp li huwa kien jaf li kienu investigaw u kien gia ressqu persuna ohra arrestata quddiem il-Qorti dwar l-istess reat, jibqa ghaddej wahdu, u b'certa ghaggla, bla ma jikkomunika bl-ebda mod ma' kollegi u superjuri li kienu gia kellmuh fuq il-kaz u minn naha tieghu iressaq persuna ohra taht arrest u jakkuzaha bl-istess delitt; kien jaf ben tajjeb li l-ewwel persuna kienet tinstab taht arrest, kif deher fil-Message Read Report tas 7 ta' Awissu 2013, liema messagg Taliana kkonferma li, ghalkemm ma qrahx, kien jaf sew il-kontenut tieghu. Il-Board huwa tal fehma li, oltre li jittiehdu il-passi suggeriti biex, kemm jista jkun, jigu evitati ripetizzjonijiet ta' zbalji simili, il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jiehu il-passi dixxiplinari kontra l-imsemmi Spettur Elton Taliana ghan-nuqqas serju tieghu."*

Ghandu jinghad illi tali rapport gie konkluz fis 26 ta' Awissu 2013, jigifieri gimghatejn wara illi inkiteb l-artikolu meritu tal-kawza odjerna u saret il-kawza odjerna stess.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, wara ir-rapport tal-Police Board, il-Kummissarju tal-Pulizija hatar Bord ta' Inkjesta fit 2 ta' Settembru 2013 sabiex jinvestiga l-agir ta' l-Ispetturi Joseph Mercieca u Carlos Cordina, li kienu mexxew il-kaz minn naha tas-CID u li kienu ressqu il-Qorti lill Darryl Luke Borg.

Dana il Bord, fil-konsiderazzjonijiet tieghu, ghamel is-segwenti osservazzjoni.

> *"Dan il-Bord hu tal-fehma li dan il-kaz wasal fl-istadju li jinsab fih illum, apparti mir-ragunijiet kif ser ikun spjegat aktar il-quddiem, dovut ukoll minn nuqqas ta' konsultazzjoni bejn l-ufficjali tat-taqsima tas-CID u l-ufficjal tad-Distrett. Kien kaz ta' miskomunikazzjoni b'konsegwenzi serji li taw lok biex persuna li ma kellux x'jaqsam mad-delitt, tressaq il-Qorti akkuzat b'serq aggravat. Kaz li setgha gie evitat li kieku l-ufficjali investigattivi, kemm tas-CID u kif ukoll tad-Distrett, mexxew investigazzjoni wahda. Kien ikun aktar facili u felici li kieku l-Ispettur Joseph Mercieca flimkien ma' l-Ispettur Elton Taliana mexxew investigazzjoni wahda u kienu firmatarji ta' l-istess akkuza"*

Dana il-Bord, finalment, irrakkomanda illi jittiehdu passi dixxiplinari fil-konfront ta' l-Ispetturi Joseph Mercieca u Carlos Cordina filwaqt illi sahaq illi konsiderazzjoni ghandu jittiehed ghall "*kondotta tajba hafna bhala ufficjali tal-pulizija u dedikazzjoni shiha fix-xoghol taghhom.*"

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrent, illi huwa hassu malafamat bil-kontenut ta' l-artikolu meritu tal-kawza odjerna stante illi dana jallega illi huwa kien ghamel zball u li kellu obbligu li jiehu hsieb l-interessi ta' persuna "innocenti" illi kienet il-habs erronjament u li huwa kien jaf li kien qieghed il-habs minkejja li kien innocenti.

Jirrizulta wkoll, mill-istess xhieda, illi r-rikorrent hassu wkoll malafamat bil-fatt illi l-artikolist jallega illi r-rikorrent kellu d-dmir li "*jinforma lis-superjuri tieghu minnufih li kellu persuna ohra li ammetta r-reat biex immedjatament jinbdew il-proceduri li kienet arrestata illegalment u mhux imur il-Qorti u jiddikjara li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn zewgt taqsimiet tal-Pulizija*".

**Ikkunsidrat**

L-intimat, fid-difiza tieghu, eccepixxa illi dak minnu mitkub huwa kumment gust. Ghalhekk, il-Qorti trid tezamina dana l-artikolu fl-ottika ta' tali principju.

Madanakollu, qabel ma tghaddi biex taghmel tali konsiderazzjonijiet, il-Qorti tosserva illi r-rikorrent, illi huwa Spettur tal-Pulizija, ghandu jitqies bhala persuna f'servizz pubbliku u, ghalhekk, kif qalet il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Voronezhe**,

> *..... civil servants acting in an official capacity are, similarly to politicians albeit not to the same extent, subject to wider limits of acceptable criticism than a private individual (see, mutatis mutandis, Janowski v. Poland [GC], no. 25716/94, § 33, ECHR 1999-I).*

Dana qieghed jinghad ghax il-livell ta' kritika illi setghet issir lir-rikorrent, fil-kariga ufficjali tieghu ta' Spettur tal-Pulizija, ghandha titqies li tkun oghla minn dik ta' individwu privat, izda certament ma tistax tkun gholja daqs dik ta' persuna politika illi huwa suggett ghall-livell ta' kritika ferm oghla.

Il-Qorti qed taghmel tali osservazzjoni stante illi huwa accettat illi l-gurnalisti ghandhom obbligu illi jzommu lill-pubbliku infurmat b'dak kollu illi qieghed jigri u li jista jkun ta' interess pubbliku, u huwa fatt illi l-gurnalisti huma issa maghrufa bhala il '*public watchdog*' tal-poltici u persuni pubblici biex jigi assikurat illi l-operat ta' dawn il-persuni jkun fl-ahjar interess tal-pajjiz u tal-pubbliku in generali.

Jirrizulta, illi madanakollu, flimkien mad-drittijiet tal-gurnalisti, hemm l-obbligi, illi huma necessarji sabiex jassikuraw bilanc ekwu fir-rappurtagg, u di fatti, kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Axel Springer**

> *....freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations*

**Ikkunsidrat**

Bhalma gia gie osservat aktar il-fuq, id-difiza mqajjma mill-intimat fil-kawza odjerna kienet illi l-kummenti illi saru kienu '*fair comment*' fuq fatti sostanzjalment veri illi kienu ta' interess pubbliku u ghalhekk ma setghux jitqiesu bhala malafamanti.

Ikun utili, ghalhekk, illi wiehed ezamina fil-qasir l-principji tad-difiza tal-'*fair comment*' bil-ghan illi wiehed ikun jista jikkunsidra l-fatti kif fuq stabbiliti fl-ottika tal-principji generali tad-difiza tal-'*fair comment*'.

Dwar tali difiza **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Finalment, dwar il-kuncett ta' '*value judgment*', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

> *... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta' '*fair comment*' u '*value judgment*' tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Minn qari akkurat ta' l-artikolu illi dwaru ir-rikorrent hassu malafamat, u partikolarment dawk il-partijiet tal-artikolu fejn jissemma ir-rikorrent, jirrizulta illi l-fatti kollha kif rappurtati kienu sostanzjalment korretti, u dana kif anke ikkonkludiet il-Police Board fir-rapport taghha datat 26 ta' Awissu 2013.

Jirrizulta, di fatti, illi kif ikkonkludew kemm il-Police Board kif ukoll il-Bord ta' l-Investgazzjoni appuntat mill-Kummissarju tal-Puluzija, kien hemm kaz serju ta' nuqqas ta' kommunikazzjoni bejn ir-rikorrenti, bhala Spettur illi kien qieghed imexxi l-inkjesta fuq bazi distrettwali, u l-ispetturi ta-CID, illi kienu qed imexxu l-kaz fuq bazi nazzjonali.

Jirrizulta, madanakollu, illi r-rikorrent kien ben a korrent tal-fatt illi l-Pulizija tas-CID kienu mexxew il-kaz kontra Darryl Luke Borg u kienu qed jinzamm arrestat minhabba f'tali akkuzi u dana peress illi kien infurmat telefonikament kif ukoll permezz tas-sistema komputerizzata tal-Pulizija stess.

Jirrizulta wkoll illi ghalkemm ir-rikorrent kien arresta lill-Roderick Grech fuq l-istess 'hold up', u kellu fil-pussess tieghu il-balaclava u ir-revolver li l-istess Grech kien allegatament uza meta ghamel il-hold-up, huwa qatt ma ikkomunika tali informazzjoni lis-superjuri tieghu, u zamm dina l-informazzjoni kollha ghalih, ghalkemm kien a korrent tal-fatt illi gurnata qabel kien tressaq Darryl Luke Borg fuq l-istess akkuzi.

Jirrizulta illi kien biss wara illi huwa mhux biss gab l-ammissjoni ta' Roderick Grech, izda gab ukoll sentenza fil-konfront tieghu, illi huwa ghazel illi jgharraf lis-superjuri tieghu dwar il-fatt illi Roderick Grech kien ammetta illi ghamel il-hold-up u illi ghalhekk Darryl Luke Borg kien arrestat ingustament.

Jirrizulta ben car illi kien hemm falliment serju fit-tmexxija tal-investigazzjoni da' parte tal-Pulizija, liema falliment wassal sabiex persuna tressqet il-Qorti, inzammet hemm arrestat ghal aktar minn gurnata wara illi r-rikorrent kien arresta lill Roderick Grech fuq provi konvincenti da' parte tieghu li huwa kien ikkommetta r-reat, u giet mehlusa mill-habs biss wara illi r-rikorrent ghogbu jgharraf lis-superjuri tieghu illi huwa kien arresta, ressaq u ottjena sentenza kontra Roderick Grech, liema Grech kien, min rajh, ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu b'mod illi, ghalhekk, l-akkuzi illi kienu gew maghmulha fil-konfront ta' Darryl Luke Borg kienu mhux ippruvati.

Il-Qorti, ghalhekk, wara illi qrat fir-reqqa l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, kif ukoll il-provi kollha kif migjuba, ma tistax ma tosservax illi dak hemm rappurtat kien sostanzjalment korrett.

Kif stqarret il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** deciza fit-3 ta' Frar, 2012:

*“gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f’socjeta’ demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa’ allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F’dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista’ wkoll ikun tollerat.”*

L-artikolu meritu tal-kawza odjerna kien rizultat ta' gurnalizmu investigattiv illi dina l-Qorti gandha tipprotegi u tippromuovi fl-ahjar interess tac-cittadin illi mhux biss ghandu d-dritt illi jigi infurmat bl-affarjiet illi huma ta' interes pubbliku izda, fejn jidhlu persuni ta' certa importanza fis-socjeta pubblika taghna, bhalma huwa Spettur tal-Pulizija, tkun infurmata dwar l-agir u azzjonijiet tieghu sabiex jigi assikurat illi s-servizz pubbliku jibqa jaghti s-servizz mehtieg ghas-socjeta taghna.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat is-sottomissjonjiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur